DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1853

tat-18 ta' Ottubru 2021

dwar il-pożizzjoni li għandha titħieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-validità tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu sakemm jiġu adottati Prijoritajiet tas-Sħubija aġġornati ġodda mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra ([1]) (il-'Ftehim') ġie ffirmat fil-25 ta' Ġunju 2001 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2004.

(2) Fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tal-25 ta' Lulju 2017, l-Unjoni Ewropea u l-Eġittu qablu dwar il-Prijoritajiet tas-Sħubija, kif stipulati fir-Rakkomandazzjoni Nru 1/2017 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ([2]).

(3) Iż-żewġ naħat qablu li jenħtieġ li tiġi estiża l-validità tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu bħala dokument ta' gwida biex tiġi kkonsolidata s-sħubija sakemm jiġu adottati Prijoritajiet tas-Sħubija aġġornati ġodda.

(4) Skont l-Artikolu 76 tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu s-setgħa jieħu deċiżjonijiet għall-finijiet li jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim.

(5) Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta rakkomandazzjoni permezz tal-proċedura bil-miktub biex jestendi l-validità tal-Prijoritajiet tas-Sħubija sakemm jiġu adottati Prijoritajiet tas-Sħubija aġġornati ġodda mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

(6) Għalhekk, ikun xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi titħieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, billi r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ser ikollha effetti legali.

(7) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għalhekk jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha titħieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-validità tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu sakemm jiġu adottati Prijoritajiet tas-Sħubija aġġornati ġodda mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ([3]).

([1]) ĠU L 304, 30.9.2004, p. 39.

([2]) Ir-Rakkomandazzjoni Nru 1/2017 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu tal-25 ta' Lulju 2017 dwar qbil dwar il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu (ĠU L 255, 3.10.2017, p. 26).

([3]) Ara d-dokument ST 12260/21 fuq http://register.consilium.europa.eu.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-18 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES